MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1381/2000/1

**Raymond *sive* Ramon Caruana Smith**

**vs**

**Louise Caruana Smith**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-6 ta' Gunju 1985 (Dok "A"), meta l-attur kellu dsatax-il sena u l-konvenuta kellha tmintax-il sena;

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre*, il-kunsens tal-kontendeni ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta’ Gunju 1985 huwa null u bla ebda effett fil-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta’ Gunju 1985 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbali tas-7 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Huber bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata u tat-18 ta’ Gunju 2001.

Rat ir-rikors tal-attur datat 27 ta’ Gunju 2001 fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jigu ammessi bil-lingwa Ngliza l-affidavits tieghu u tax-xhieda minnu prodotti minghajr il-htiega ta’ traduzzjoni, u dan ghall-ahjar andamenti u speditezza tal-kaz odjern.

Rat in-nota tal-27 ta’ Gunju 2001 fejn l-attur esebixxa l-imsemmija affidavits.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti laqghat it-talba attrici tas-27 ta’ Gunju 2001, filwaqt li giet infurmata li l-provi nghalqu; tat-22 ta’ Frar 2002 fejn il-

kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-22 ta’ Mejju 2002; u tas-27 ta’ Gunju 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport. In vista ta’ dan il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2002.

Rat is-seduti mizmuma u r-rapport tal-Perit Legali.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Dicembru 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, iddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-lum 27 ta’ Marzu 2003.

Rat li l-konvenuta minkejja li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici baqghet ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** fl-affidavit tieghu (Dok “RCS1”) jghid li huwa fil-bidu tal-1984, kien iltaqa’ mal-konvenuta u cjoe’ meta huwa kellu tmintax-il sena u hija kellha sittax-il sena. Huwa kien spiss imur jilghab il-*football* gewwa Tigne, fejn il-genituri tal-konvenuta kellhom hanut. Kien hemmhekk li ffrekwenta lill-konvenuta, matul liema perijodu kienu hassru kemm-il darba r-relazzjoni taghhom.

Illi l-attur jghid li *“Ma’ kienetx relazzjoni serja. In fatti, kemm-il darba konna nargumentaw u nispiccaw u wara xi gimgha konna nergghu nohorgu flimkien.”*

Illi huwa jghid li fl-ahhar ta’ Novembru 1984 il-konvenuta kienet infurmatu li kellha xahrejn tqala. Fl-ewwel erba’ xhur tat-tqala l-kontendenti ma qalu xejn lil hadd ghaliex

kienu qeghdin jibzghu mir-reazzjoni tal-genituri taghhom. Wara xi xahrejn illi l-konvenuta kienet qaltlu, u cjoe’ ghall-habta ta’ Marzu 1985, meta bdiet tidher illi kienet tqila u ommha bdiet tissuspetta, il-kontendenti kienu infurmaw lil ommha dwar din is-sitwazzjoni li r-reazzjoni taghha kienet wahda ta’ paniku kbir. Imbaghad wara xi jumejn, omm il-konvenuta kienet qaltilhom illi l-ahjar soluzzjoni f’din is-sitwazzjoni kienet illi jizzewgu specjalment minhabba l-ghajdut tan-nies. Fil-fatt kienu l-genituri tal-konvenuta, specjalment ommha, illi kienu hadu hsieb il-preparamenti kollha tat-tieg.

Illi l-attur ikompli jispjega li dakinhar stess tat-tieg, qabel ma’ hareg mid-dar tal-genituri tieghu, ommu kienet staqsietu jekk riedx verament jizzewweg lill-konvenuta u f’kaz illi ma’ riedx jizzewweg, kienet iccemplilha hija stess u t-tieg ma’ kienx isir. L-attur kien qal li f’dan l-istadju ma’ kienx hemm triq ohra ghajr illi jizzewweg minhabba s-sitwazzjoni. Jghid: *“Jiena kont inhossni responsabbli ghal dak illi kien gara u kont hsibt illi dik kienet l-ahjar soluzzjoni fic-cirkostanzi u principalment sabiex ma’ nkunx inqast lejn il-konvenuta. Pero’ minn naha l-ohra ma’ kontx inhossni ppreparat illi nizzewweg lill-konvenuta ghaliex ma’ kontx naf x’jfisser zwieg. Nippreciza illi sakemm ahna konna sirna nafu bit-tqala, ahna ma’ konniex tkellimna dwar zwieg. Lanqas ma’ kellna hsieb illi naghmlu l-Kors ta’ Kana …… Jiena dak iz-zmien kont inkwetat u mbezza’ hafna b’din is-sitwazzjoni.”*

Illi l-attur jghid li missieru kien ghamel perijodu wara illi kien sar jaf b’din it-tqala ma’ jkellmux u *nonstante* l-fatt illi ommu kienet urietu illi wahda mis-soluzzjonijiet kienet illi jizzewgu xorta wahda ma’ kenitx certa b’din is-soluzzjoni.

Illi l-kontendenti kienu zzewgu gewwa l-Knisja tal-Balluta, Sliema u mbaghad kellhom ikla strettament tal-familja. Il-partijiet ma kienux tkellmu dwar il-preparamenti tat-tieg u sahansitra lanqas kienu ppjanaw fejn kienu sejrin joqoghdu. Wara z-zwieg marru jghixu fid-dar residenzjali tal-genituri tal-konvenuta, *stante* li l-kontendenti ma kellhomx il-finanzi u z-zmien bizzejjed sabiex jsibu dar matrimonjali.

Illi l-attur jghid *"illi kieku l-konvenuta ma' kenitx inqabdet tqila, kieku ma' konniex nizzewgu."*

Illi wara gimaghtejn mid-data taz-zwieg twieled it-tifel, Matthew u wara sitt xhur l-partijiet kienu krew appartament. Fil-bidu taz-zwieg, il-konvenuta kienet tmur tahdem fil-hanut ta' missierha. L-attur kien dak iz-zmien jahdem go fabbrika u kellu paga minima. Infatti, biex ihallsu l-kera tal-appartament l-attur kellu jbiegh il-karozza tieghu. Jghid li qabel iz-zwieg ma kien faddal xejn ghax kull sold illi kellu kien jonfqu biex johrog u jgawdi mal-hbieb.

Illi l-attur ikompli jispjega li matul iz-zwieg, kien jkollhom diversi argumenti, specjalment minhabba l-qaghda finanzjarja illi kienu fiha, u minhabba l-fatt illi peress li ma kienux maturi bizzejjed kienet difficli li jsolvu l-problemi.

Illi jispjega li waqt iz-zwieg kien jahdem *full-time* u kien ukoll jkollu *part-time jobs* fis-settur tal-*catering* li kien jirrikjedi hinijiet twal kuljum. Huwa kien jibqa' sejjer minn xoghol ghal xoghol u nhar ta' Hamis u nhar ta' Hadd kien imur jilghab il-*hockey*, u ghalhekk ftit li xejn kienu jiltaqghu. Ma' kienx hemm komunikazzjoni bejniethom. Hlief fuq it-tifel ma' kienux jitkellmu. Huma rari kienu johorgu bhala familja.

Illi jghid li l-hajja mizzewga taghhom kienet monotona u l-problemi matrimonjali bdew jaggravaw meta f'Ottubru 1994, kien rritorna mix-xoghol fit-tlieta ta' fil-ghodu u ma' sabx lill-konvenuta hemmhekk. Sab nota illi fiha kien hemm miktub illi hija kienet marret torqod ghand il-kugina taghha u li kienet hadet it-tifel maghha. L-ghada kien staqsa lill-omm il-konvenuta fejn kienet, imbaghad beda iqalleb id-dar u sab xi korrispondenza taghha ma' ragel ta' nazzjonalita' Taljana. Imbaghad skopra illi l-konvenuta kienet telqet minn Malta flimkien ma' dan it-Taljan illi kien mizzewweg Maltija u kellu tlIet itfal u kien joqghod hawn Malta, u cjoe' l-Pieta'. Wara xi gimgha, il-konvenuta kienet cemplet.

Illi l-kontendenti ssEparaw legalment fit-18 ta' Jannar 1996. Wara xi zmien l-attur sar jaf illi l-konvenuta minn qabel ma' sseparaw kienet qeghda tistenna tarbija minghand ragel iehor illi ma' kienx il-persuna msemmija ta' nazzjonalita' Taljana izda kien ragel iehor bl-isem ta' Terrence, kunjomu mhux maghruf, illi mieghu ilha tikkoabita minn dak iz-zmien sal-llum.

Illi l-attur xehed fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2001 fejn ippreciza li meta l-konvenuta kellha sitt xhur tqala huma kienu nfurmaw lil ommha u xi xahar wara huma nfurmaw lil ommu.

Illi xehdet permezz ta' affidavit, **Maryrose Bartolo** (Dok "RCS3"), oht l-attur fejn qalet li hija lanqas biss kienet taf li huha kellu relazzjoni mal-konvenuta. Hija kienet iltaqghet mal-konvenuta xi darbtejn qabel ma saret taf bit-tqala. Tghid li l-genituri tal-attur kienu opponew ghal din ir-relazzjoni.

Illi x-xhud tkompli tghid li l-kontendenti kienu zghar fl-eta' u mmaturi. Tghid: *"… both my parents pointed out to Ramon that he was under no obligation to marry her, seeing that both of them were still a little too young for marriage. Ramon, though, on the other hand felt he was responsible and kept insisting that he should marry Louise for the sake of the baby."*

Illi xehdet permezz ta' affidavit **Alfrieda Imbroll** (Dok "RCS4") fejn spjegat li meta l-familja tal-attur saru jafu bit-tqala tal-konvenuta, hija flimkien ma' zewgha u l-familja marru izuru lill-genituri tal-konvenuta. Tixhed hekk: *"Wara li sar xi diskors fuq l-ghemil ta' Ramon u Louise, ommha bdiet tirrakkonta li kienet qed tiehu hsieb il-preparamenti kollha tat-tieg. Jien kont tal-fehma, li omm Louise xtaqet li bintha tissetilja u ma titlifx lil Ramon ghax minn dejjem kienet issostni li Ramon kien tifel sew u bil-ghaqal. Ramon fl-ebda stadju ma fetah fommu dakinhar tal-laqgha."*

Illi x-xhud tkompli tghid li fl-okkazjoni tat-tieg l-attur kellu tensjoni kbira. Tikkonferma *"Zgur li Ramon ma kellux*

*intenzjoni li jizzewweg li kieku ma sabx ruhu f'din is-sitwazzjoni. Hu kien minghalih li se jsolvi kollox biz-zwieg."*

Illi xehdet permezz ta' affidavit **Helen Caruana Smith** (Dok "RCS"), omm l-attur li tispjega li l-attur *"ta' tmintax-il sena kien guvni vivaci u jhobb hafna l-kumpanija ta' shabu. Dejjem mohhu biex johrog igawdi u jmur jilghab il-'hockey'. Qatt ma smajtu jsemmi gharajjes jew li ghandu xi tfajla …… Qatt ma naf li gabha d-dar lil Louise hlief xi darbtejn qabel izzewgu u l-ghada tat-tieg."*

Illi x-xhud tghid li fid-9 ta' Mejju 1985 l-attur kien gie d-dar ma' huh sabiex jghid xi haga mportanti. Kien huh Tony li fil-fatt spjega li l-konvenuta kienet tqila. Hija u zewgha kienu sorpriza hafna bl-ahbar. L-attur imbaghad infurmhom li kien sejjer jizzewweg fis-6 ta' Gunju 1985. Tghid:- *"Ramon kien jidher konfuz hafna."*

Illi hija tispjega li kienu ltaqghu mal-familja tal-konvenuta sabiex jiftehmu fuq it-tieg izda omm il-konvenuta kienet hadet hsieb kollox.

Illi hija tirrakkonta li fil-gurnata tat-tieg kienet kellmet lill-attur. Huwa kien qalilha *"li kien responsabbli u kellu jerfa' r-responsabbilta' tieghu minhabba t-tarbija."*

Illi xehed permezz ta' affidavit **Tony Caruana Smith** (Dok "RCS2"), hu l-attur, li jghid li qabel ma ltaqa' mal-konvenuta, l-attur kien *"a pleasant, adventurous teenager full of the joie de vivre ….. He was the youngest out of five and therefore had been the victim of too much attention."* Jghid li l-attur kien dejjem johrog mal-hbieb u qatt ma jiftakru ma' tfajliet. Jispjega li xi zmien f'Novembru 1984 il-Hockey Club kienet organizat riceviment. L-attur kien gie mal-hbieb izda matul is-serata kienet giet xi tfajla ghalih. Ix-xhud jghid li minn dik il-gurnata l-karattru tal-attur tbiddel kompletament. Hawn l-attur beda jiffrekwenta lill-konvenuta. F'Mejju 1985 l-attur kien informah li l-konvenuta kienet tqila u li kien sejjer jizzewwigha. Jghid dwar l-attur: *"He was worried and confused…. He was evidently confused."*

Illi x-xhud jispjega li meta marru jzuru lill-familja tal-konvenuta, missierha kien qal lill-attur:- *“take proper care of my daughter or else insallbek max-xambrella.”*

Illi fuq il-gurnata tat-tieg ix-xhud jghid:- *“Wedding arrangements were hastily made and two or three weeks later they were married …… During the wedding reception Ramon seemed to be carried along by events, doing everything that was expected of him without a word. However, this compliance seemed a strain on him, as he would put up a smile whenever and wherever needed. Everbody was making merry but I strongly felt that he did not fully understand the situation.”*

Illi x-xhud jghid li wara z-zwieg tal-kontendenti, ghal sentejn shah, huma waqfu jkellmu lill-familja kollha tal-attur, hlief ghalih.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu qed jattribwixxi n-nullita’ taz-zwieg in ezami fuq:-

*“Billi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;*

*Billi, inoltre, il-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;*

*Billi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.”*

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), Artikolu 19 (1)** jipprovdi li hemm annullament taz-zwieg:

“**(a)** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’;*

**(d)** *il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew*

**(f)** *il-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew*

***(h)*** *Wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi mill-provi migbura jirrizulta li:-

(a) Il-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Gunju 1985, meta l-attur kellu (19) dsatax-il sena u l-konvenuta kellha (18) tmintax-il sena.

(b) Meta bdiet ir-relazzjoni taghhom dina kienet wahda kazwali. Il-korteggjament qatt ma kien serju fis-sens li l-ideja taz-zwieg qatt ma kienet issemmiet.

(c) Il-konvenuta harget tqila ftit xhur wara li bdew johorgu flimkien u hija nfurmat lill-attur meta kellha diga' xahrejn tqala.

(d) Il-kontendenti kienu mbezzghin u mhassbin dwar din is-sitwazzjoni tant li kienu nfurmaw lill-genituri tal-konvenuta meta hija kellha sitt xhur tqala, u lill-genituri tal-attur meta kellha seba' xhur tqala.

(e) Kienet omm il-konvenuta li hadet hsieb il-preparament tat-tieg.

(f) L-attur accetta li jizzewweg minhabba li hass ruhu responsabbli ghat-tarbija. Li kieku ma kienx ghat-tqala l-attur ma kienx jizzewweg.

(g) L-attur ma kienx ippreparat ghaz-zwieg u ma kienx jaf x'iffisser zwieg.

(h) It-tarbija tal-kontendenti twieldet fl-20 ta' Gunju 1985, cjoe' tliet gimghat wara d-data taz-zwieg tal-kontendenti.

(i) Il-kontendenti wara z-zwieg marru jghixu mal-genituri tal-konvenuta, *stante* li l-kontendenti ma kellhomx finanzi u z-zmien bizzejjed sabiex isibu dar matrimonjali.

Illi fl-opinjoni tal-esponenti, jidher car li dan iz-zwieg la kellu jsehh u lanqas kellu cans jirnexxi. Kien zwieg li sehh meta z-zewg partijiet ma kienux lesti ghaz-zwieg. It-tnejn kienu ghadhom zaghzagh, immaturi u ser jibdew jesperjenzjaw l-hajja. Fi ftit zmien li hargu flimkien, kienu spiss jiggieldu u jisseparaw. L-attur kien igawdi l-hajja ta' guvni mal-hbieb u l-isports minghajr ebda responsabbilta'. Hadd minnhom ma kien holom bi zwieg.

Illi li ma kienx ghall-fatt tat-tqala dan iz-zwieg ma kienx isehh, u kien dan il-fatt u xejn aktar, li gieghel lill-partijiet jizzewgu.

Illi din il-Qorti fil-kawza **"Mizzi vs Mizzi"** (P.A. 8 ta' Gunju 1988) inghad li *"biex iz-zwieg jigi dikjarat null, mhux bizzejjed il-fatt li l-mara harget tqila qabel iz-zwieg u li minhabba f'hekk sar iz-zwieg, izda jrid jigi pruvat li z-zwieg ma kienx isir li kieku mhux ghat-tqala tal-mara."*

Illi wkoll, din il-Qorti fil-kawza **"Zammit vs Zammit"** (P.A. 30 ta' Gunju 1992) iddikjarat li zwieg ghandu jigi dikjarat null meta jirrizulta li l-koppja kienet mohh ir-rih meta zzewget, u z-zwieg sar minhabba t-tqala li sabet ruhha l-mara. F'dan il-kaz ukoll ma kien hemm ebda namur fil-veru sens tal-kelma u ebda hsieb ta' zwieg qabel it-tqala u d-decizjoni ghaz-zwieg ma kenitx konsegwenza naturali tar-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet.

Illi l-awtur ***JR Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary*

*and sufficient to ensure his basic powers of choice."* Jidher car li l-kontendenti fil-kaz in ezami ma kellhomx din il-liberta' ta' ghazla. L-immaturita' taghhom u l-pressjoni tal-genituri wasslithom jiddeciedu li jizzewgu. Ma kienx hemm preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabbiltajiet rizultanti minn dan il-pass.

Illi jidher li wara z-zwieg il-kontendenti qatt ma ghexu hajja ta' familja. L-attur kien jahdem lejl u nhar u fil-hin liberu kien jaghmel xi attivita' ta' sport, cjoe' kien baqa' jghix hajja ta' guvni (ara **"Delceppo vs Herrera nomine"**, (P.A. 26 ta' Frar 1993).

Illi ghalhekk l-istess Perit Legali kkonkludiet li:-

*"skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ppruvat".*

Illi din il-Qorti zzid anke ghall-precizjoni u sabiex kollox jigi nkwadrat abbazi tal-artikoli citati mill-attur is-segwenti konsiderazzjonijiet limitatatment ghall-artikoli 19 (1) (d) u (f) u cjoe':-

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" **(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi*

*una "servitus" per tutta la vita" (***Forum***, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia,*** **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja*

*mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta’ diskrezzjoni biex wiehed ikun jista’ jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*“Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra’ essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all’ assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l’ esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’ atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’ eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini****,* *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.***, op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx*

*gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee**

**Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament car u skjet li l-unika raguni li wasslet lill-attur sabiex jizzewweg lill-konvenuta, u *vice versa* kien il-fatt li l-istess konvenuta inqabdet tqila qabel iz-zwieg mill-istess attur u ghalhekk f'dik is-sitwazzjoni l-attur hass li ma kellux xelta hlief li jizzewweg lill-konvenuta, animat ukoll mill-pressjonijiet li tali sitwazzjoni necessarjament iggib maghha li certament wasslet liz-zewg partijiet li jidhlu ghal dan iz-zwieg biss u unikament minhabba din it-tqala bl-ebda konsiderazzjoni dwar il-hajja mizzewga *per se*, tant li wara tliet gimghat mid-data taz-zwieg tal-kontendenti twieldet l-istess tarbija.

Illi ghalhekk jidher car li l-kunsens tal-partijiet kien ukoll vizzjat *stante* li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva tal-elementi essenzjali taz-zwieg, u dan jidher car mill-fatt li ghall-attur iz-zwieg kien biss mezz sabiex it-tarbija li kienet gejja fid-dinja titwieled taht il-kappa ta' formalita' ta' zwieg, izda huwa qatt ma kellu ntenzjoni li jghix ta' ragel mizzewweg u fil-fatt hekk ghamel. Min-naha tal-

konvenuta, din ftit kellha xelta u kellha taccetta s-sitwazzjoni li hija sabet ruhha fiha, hija kienet kif kienet.

Illi l-provi kollha juru b'liema mod iljev u bla ebda konsiderazzjoni l-partijiet odjerni dahlu ghaz-zwieg bejniethom, fejn din il-Qorti thoss li l-kunsens ghaz-zwieg veru u validu kien nieqes ghal kollox, u ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg bejn il-kontendenti tat-3 ta' Lulju 1980 ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi, cjoe' **"Martin Farrugia vs Antoinette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); "**Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002; **"Sarah Mifsud Scicluna vs Christopher Mifsud"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002; **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002; **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002; **"Natasha Satariano vs Wayne Satariano"** (P.A. (RCP) 28 ta' Novembru 2002; u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003) u taddotta l-istess principji ghall-kaz in ezami.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u tiddikjara z-zwieg ta' bejniethom null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** u minhabba dak premess ma jirrizultax li din il-Qorti ghandha bzonn tidhol sabiex tezamina premessi ohra citati mill-attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1985 huwa null u bla ebda

effett legali *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------